MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2013

Numru. 1038/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**MARIA BOL'AWB**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Maria Bol'awb ta' 52 sena bint George u Salvina xebba Spiteri, imwielda Bormla nhar 15/04/1961, u residenti temporanjament gewwa fond Mirka 5, Triq il-Buttar, Sta Venera u detentrici tal- karta ta' l-identita nru 43621(m).

Giet akkuzata li fid-data tal-11 ta' Ottubru 2013, ghal habta tat-3:00 ta' wara nofs in-nhar minn gewwa l-Bingo

Royal sitwat gewwa l-Embassy Complex sitwat fi Triq Sta Lucija fil-Belt Valletta, ikkommettiet serq ta' flus kontanti ikwalifikat bil-valur, u dan ghad detriment tad-diretturi tal-istabiliment ta’ Bingo Royal bi ksur ***tal-Artikolu 261(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta***.

Il-Qorti giet mitluba biex f’kaz ta’ htija tikkunsidra lil-Maria Bol’awb bhal recidiva ai termini ta’ ***Artikolu 49, 50, 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta***.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. GS3 fl-atti tal-kawza u nnutat li l-imputata Maria Bol'awb m'ghandiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.
Innutat li fl-ezami taghha l-imputata wiegbet li hija hatja ta' l-akkuza migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata wiegbet li hija hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u d-Difiza iddikjaraw li jaqblu illi l-imputata ghandha problema serja ta' abbuz mill-alkohol u ghaldaqstant ikun opportun li l-imputata titpogga taht Ordni ta' Probation sabiex tkun assistita telgheb dan il-vizzju.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputata, fil-presenza tal-avukat difensur taghha iddikjarat li qeghda tobbliga ruhha li fi zmien sena millum thallas is-somma ta' €410 lil Bingo Royale sitwat fl-Embassy Complex fi Triq Santa Lucia, Valletta.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 261(C), 267 u 279(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputata Maria Bol’awb, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha, u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta li tpoggi lill-imputata Maria Bol'awb taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li l-imsemmija imputata tkun assistita fil-problema serja li ghandha ta' abbuz mill-alcohol u li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili.

Il-Qorti tordna li d-Digriet anness ma' din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Probation Order jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta' kopja ta' din is-Sentenza u tad-Digriet anness ma' din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputata Maria Bol'awb.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-imsemmija Maria Bol'awb kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti tat lill-imputata Maria Bol'awb l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------